**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Joseph Debono Grech**

Kaz numru: 750/2017

Illum 23 ta' Jannar 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Joseph Debono Grech,** iben Carmelo u Giovanna xebba Grech, imwieled fis-17 ta' Settembru 1939 f'Birkirkara, residenti gewwa l-fond bin-numru 105, Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 663539(M), akkuzat talli nhar is-6 ta' Settembru 2017 ghall-habta ta' 13:15hrs gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex;

1. Hedded bi kliem jew b'mod iehor lill-ufficcjal inkarigat mil-Ligi PC 34 George Scicluna;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi;

Semghet sottomissjonijiet finali.

**Il-fatti tal-kaz**

L-imputat Direttur tal-kumpanija Gozo Channel irrizultalu li fejn jghabbi l-vapur tal-Gozo Channel kien hemm vettura (truck bil-brejkijiet ma jahdmux sew) li kienet qeghda tinblokka vetturi ohra (madwar erbghin vettura) u mar l-Ghassa tal-Pulizija biex jirraporta din l-allegata irregolarita'. L-imputat ma deherx kuntent bil-mod kif gie trattat l-ilment li kien qieghed jaghmel u ghadda skambja xi kliem mal-pulizija prezenti li ma jidhirx li kien jaf lill-persuna li kienet qeghda taghmel l-ilment u r-rwol li kellha. L-imputat qal lill-kuntistabbli PC34 George Scicluna li kien se jirrapurtah lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Prim Ministru.

**Konsiderazzjonijiet legali preliminari**

Illi qabel tghaddi ghall-mertu tal-kaz il-Qorti permezz ta' rikors (a fol. 2) ingibditilha l-attenzjoni li l-inputat meta kien notifikat bil-komparixxi ma kienx hemm data u hin u f'liema Qorti kellu jidher biex iwiegeb l-akkuza migjuba kontrih.

Din il-Qorti ordnat li l-imputat ikun notifikat mill-gdid stante li prima facie deher li l-komparixxi kellha elementi importanti nieqsa u ghalhekk hemm dubbju serju dwar il-validita' taghha, sintendi bit-data, hin u lok fejn l-imputat kellu jidher biex iwiegeb ghall-akkuza migjuba kontrih. Din kienet imqassma fil-5 ta' Jannar 2018 fl-erbgha ta' waranofsinnhar.

Illi l-imputat fis-seduta tal-llum spjega li hu mhux interessat li jinheles mill-akkuza fuq punt procedurali tal-preskrizzjoni izda jrid li l-kawza tieghu tkun deciza fuq il-mertu taghha ghax hu jsostni l-innocenza tieghu.

l-artikolu 694 tal-Kap. 9 hu li l-Qorti tista' tapplika l-preskrizzjoni "ex officio".

Kollox ghalhekk f' dan il-kaz jiddependi mill-validita' o meno tan-notifika li saret fil-5 ta' Dicembru 2017. Illi appropozitu l-artikolu 362 (1) tal-Kap.9 jiddisponi li c-citazzjoni ghandha tigi notifikata billi tinghata **f'idejn il-persuna li ghandha tigi mharrka**, u **jekk din il-persuna ma tkunx tista' tinsab facilment, ic-citazzjoni ghandha tithalla fid-dar fejn hija soltu tkun toqghod** u, f' kull kaz, l-ufficjal esekutur ghandu jaghmel rapport ta' dan lill-Qorti.

Fil-kawza Il-**Pulizija v. Charles Pace** deciza fid-9 ta' Frar 2001 l-Imhallef Vincent De Gaetano intqal:

> *L-Artikolu 362 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li c-citazzjoni ghandha tinghata f'idejn il-persuna li ghandha tigi mharrka, izda jekk din il-persuna ma tkunx tista' tinsab facilment, ic-citazzjoni ghandha tithalla fid-dar fejn soltu dik il-persuna tkun toqghod ("at his usual place of abode", fit-test Ingliz tal-ligi). Jekk citazzjoni, flok ma tinghata lill-persuna mharrka, tithalla ma xi hadd iehor pero` mhux fid- dar fejn il-persuna mharrka tkun soltu toqghod, ma tiskattax il-presunzjoni tal-validita` tan-notifika.*

Fis-sentenza deciza fl-14 ta' Jannar, 2008 Il-**Pulizija v. Josef Borg** l-Prim Imhallef Vincent Degatano kompla jevolvi l-argumenti li ga ghamel f'sentenzi precedenti:

> *L-Artikolu 362(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li "ic- citazzjoni ghandha tinghata f'idejn il-persuna li ghandha tigi mharrka, u jekk din il-persuna ma tkunx tista' tinsab facilment, ic-citazzjoni ghandha tithalla fid-dar fejn hija soltu tkun toqghod...". Il-ligi penali ma tezigix li c-citazzjoni ghandha tithalla ma' xi persuna partikolari jew ta' eta` partikolari – ghalkemm, bhala prekawzjoni, u biex ma jinqalghux kumplikazzjonijiet, huwa dejjem prudenti li tali citazzjoni tithalla ma' persuni li ma jkunux ta' eta` zghira hafna (anzi preferibbilment ma' adulti[1]), u dan sabiex jigi assigurat li l-imputat jew akkuzat ikun zgur gie a konjizzjoni tad-data meta huwa jkun gie msejjeh biex jidher quddiem il-qorti. Kullma tirrikjedi din id- disposizzjoni, ghall-finijiet ta' l-interruzzjoni tal- preskrizzjoni, huwa li c-citazzjoni "tithalla fid-dar" tar- residenza abitwali tal-imputat jew akkuzat, u l-persuna li*

[1] Ara a propositu is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Themistocles sive Temi Attard.**

*tirceviha hija mehtiega biss ghall-fini tal-prova li verament dik ic-citazzjoni thalliet f'dik id-dar.*

*L-istruttura tas-subartikolu (1) in kwistjoni tippostula zewg metodi ta' notifika: il-mod preferut, anke peress li b'dan il-mod ftit li xejn jista' jkun hemm kwistjonijiet dwar jekk verament l-imputat jew akkuzat kienx jaf bid-data ta' meta kellu jidher il-qorti, cioe` li c-citazzjoni tinghata f'idejn dak li jkun, ikun fejn ikun (dejjem, pero`, salv l-eccezzjonijiet kontemplati fl- Artikolu 363); u t-tieni metodu, li c-citazzjoni tithalla fid-dar kif inghad. Huwa evidenti li l-aktar post fejn wiehed jistenna' li ghandu jsib persuna huwa fil-post fejn l-istess persuna tirrisjedi, u jekk din ma tkunx hemm meta jmur l- ufficjal ezekutur, ifisser li "ma tkunx tista' tinsab facilment" ghall-finijiet tad-disposizzjoni in kwistjoni, b'mod ghalhekk li l-ufficjal ezekutur ghandu jhalli c-citazzjoni fid-dar. Sia bl-ewwel metodu u sia bit-tieni metodu tkun saret in- notifika validament ghall-finijiet u effetti kollha tal- interruzzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 693(1) tal- Kap. 9.*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 693(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad li :

*"693. (1) Iz-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal- procediment li jigi innotifikat lill-imputat jew akkuzat dwar il-fatt li ghalih ikun imputat jew akkuzat".*

Illi mill-atti tal-kaz, jirrizulta ben car illi l-imputat gie notifikat bit-Tahrika relattiva fil-5 ta' Dicembru 2017, data li hija kompriza fil-perjodu preskrittiv ta' 3 xhur.

Illi b'hekk, a tenur ta' l-artikolu 693(1) il-perjodu preskrittiv ghar-rigward ta' l-akkuzi odjerni inkiser skond il-ligi, **<u>dejjem jekk it-tahrika hi valida minhabba n-nuqqas serju li l-komparixxi imqassma lill-imputat ma kienx fiha dettalji dwar data, hin u lok fejn kien se jinstema' l-kaz.</u>**

Illi l-istitut tal-preskrizzjoni ta' reati jew kontravenzjonijiet fil-ligi Maltija jibda jiddekorri skond il-provedimenti ta' l- artikolu 691 tal-Kap. 9. Dan l-istess perjodu jigi miksur ai termini ta' l-artikolu 693 jew sospiz ai termini ta' l-artikolu 691(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali imkien ma jghid illi c- citazzjoni ghandha tkun iffirmata mill-Ispettur jew ghandha jkun fiha xi informazzjoni ohra ghal dak illi bih l-imputat ikun jaf ghal x'hix irid jirrispondi.

Fil-kawza "Il-**Pulizija vs Mario Agius**" deciza mill-Qorti tal- Appell fit-3 ta' Frar, 1995 intqal *"fil-kaz tac-citazzjoni mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva, din tirrikjedi biss li tkun fiha l-fatti tal-akkuza w dan bl-istess mod bhal ma meta tinqara l-akkuza fil-Qorti mill-prosekuzzjoni. Din l-akkuza jehtieg li jkun fiha l-fatt tar-reat. Dawn il-fatti naturalment, iridu jkunu b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega tat-tigbid ta' kliem jew imaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghall-iema reat jew reati jrid iwiegeb."*

Dawn il-kweziti huma kollha osservati fic-citazzjoni li giet eventualment notifikata lill-imputat w ghalhekk ma jistax ikun hemm xi censura jew xi nullita' abbazi ta' dan, pero' skond l-Artikolu 360(2) jghid ukoll illi c-citazzjoni "***ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-Qorti .......***"

Dana jfisser kwindi, illi fuq ic-citazzjoni ghandu jkun hemm id-data meta l-persuna mharka ghandha tidher. Ghax x'tiswa t-twissija jekk tircievi citazzjoni minghajr ma jkun fiha d-data ghas-smiegh taghha!

F'dan il-kaz, l-imputat ircieva il-kopja tac-citazzjoni minghajr data, hin u lok.

Il-Qorti tiskanta kif il-pulizija wrew tant entuzjazmu u interess li titqassam il-komparixxi tant li meta tqassmet il-pulizija marru tliet darbiet fir-residenza tal-imputat kif jidher fid-dokument esebit "Ordni ta' Notifika". Minn dan johrog li l-akkuza fil-komparixxi tnizzlet fil-5 ta' Dicembru 2017 kif jindika t-timbru, kien hemm enfasi "DELIVER BEFORE 06/12/17 u li saru tliet attentati fit-3 pm, 4.15 pm u 6 pm biex saret in-notifika. Notifika li kienet nieqsa minn informazzjoni essenzjali dwar id-data, hin u lok fejn l-imputat ried jattendi biex iwiegeb l-akkuza migjuba kontrih. In-notifika thalliet mat-tifla, tat-tifla tal-imputat.

Illi lanqas ma rrizulta li tul il-perijodu tal-preskrizzjoni l-imputat kien inheba jew telaq minn Malta, f'liema kaz iz-zmien tal-preskrizzjoni kien

ukoll jinkiser skond l-artikolu 693 (2) anki jekk ic-citazzjoni tkun baqghet bla effett ghal xi wahda minn dawn iz-zewg ragunijiet.

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell preseduta mill-Imhallef Vincent De Gaetano fl-Appell Kriminali "Il-**Pulizija vs. Joe Scicluna**" ( [27.4.2000]; Kollez Vol. LXXXIV , p. iv. p.228), meta cahdet appell tal-Avukat Generali simili, ghall-finijiet tal-artikolu 693 (2) tal-Kodici Kriminali sabiex mandat t' arrest (f' dal-kaz kienet citazzjoni ) ikollu l-effett tal-ksur tal-preskrizzjoni, jrid ikun esegwit posittivament billi l-imputat ikun gie nnotifikat bih, assumendo dejjem li l-imputat ikun baqa' Malta u sakemm ma jigix ippruvat mill-prosekuzzjoni li ma setghetx tinnotifikah ghaliex irrizultalha li kien qed jistahba jew li telaq minn Malta. "*Mhux bizzejjed ghalhekk li l-prosekuzzjoni tghid u tallega li l-imputat ma setax jigi nnotifikat ghaliex ma nstabx, u dana minghajr lanqas biss almenu tressaq xi prova guramentata biex turi ghaliex ma kienx instab*"[2]. Ara wkoll f' dan is- sens l-Appell Kriminali : "Il-**Pulizija vs. Patrick Cole**" [19.10.2006])

Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tqis din ir-riferta, bhala notifika valida.

Il-Qorti jidhrilha illi ma tistax tibbaza gudizzju fuq notifika illi hija suspetta w ma taghtikx ic-certezza morali tax-xjenza tal-imharrek dwar il-proceduri illi qeghdin jigu mressqa quddiemu, meta, x'hin u fejn irid iwiegeb ghal dawn l-akkuzi.

Minhabba li l-imputat jinsab prezenti ghal din is-seduta u wera x-xewqa li l-kaz ma jkunx deciz fuq punt procedurali izda fuq il-mertu, l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni li l-imputat b'komparixxi u notifika valida jew le xorta attenda s-seduta tal-llum biex iwiegeb ghall-akkuza migjuba kontrih u allura l-Qorti se tghaddi biex tiddeciedi l-mertu tal-kawza.

**Theddid u ingurja lil ufficjal tal-pulizija**

Illi l-imputat jinsab mixli li kiser artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 meta "*hedded bi kliem jew b'mod iehor lil ufficjal inkarigat mill-ligi*".

[2] Il-Pulizija (Maggur John Engerer) Vs Carmvic (Carmel-Victor) Buontempo deciza mill-Imhallef Joe Galea Debono fis-16 ta' Novembru, 2009

Il-Qorti tqis li meta persuna tagħmel rimostranza ma' Uffiċjal tal-Pulizija minħabba li l-persuna tkun tħoss li l-Uffiċjal mhux korrett fid-deċiżjoni tiegħu u li tkun ser tirraporta lil dak l-Uffiċjal mas-Superjuri tiegħu – per se – mhix forma ta' theddida skont il-Liġi u l-anqas hija – per se – inġurjuża fis-sens tad-dritt penali Malti. Alla ħares kien hekk għaliex dan ikun ifisser li ħadd f'awtorita' ma jkun kontabbli għal egħmilu mas- superjuri tiegħu.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza Il-**Pulizija vs Amante Camilleri** deciza 17.10.1997 u l-gurisprudenza hemm kwotata:

> *Biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala igurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l- kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii. Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pprofferiti fil-presenza ta' l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni. Inoltre hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe` dana l-animus injuriandi, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl- assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe` bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero`, il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad litrid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jociandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal- agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, izda, certament ghandha l-limiti taghha; il-kliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat sabiex titwassal dik il-protesta, b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dan il-kliem ikun intqal minnu animus reclamandi.*"

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghall-kawza Il-**Pulizija (Spettur Antonello Grech) vs Joseph Debrincat** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'Ghawdex nhar il-Gimgha, 12 ta' Jannar, 2001 fejn intqal:

> Illi skond kif ighallem il-Maino, l-oltragg ma ghandux jigi konfuz mas-semplici rimostranza. Dottrinalment, it-teorija ta' l-ubbidjenza passiva quddiem l-ghemil abbuziv u prepotenti ta' ufficjal pubbliku hija respinta u ghalhekk ir-reazzjoni spontanea u momentarja da parti tal-persuna koncernata hija ammess, purke l-imputat ma jkun ittrasmoda f'eccessi li ma kienux mehtiega. Certament li l-imputat odjern ma ghamel xejn minn dan. Kull ma ghamel l-imputat hu li rreagixxa ghax deherlu, anke jekk soggettivament, li ohtu kienet vittma ta' diskriminazzjoni. Indipendentement minn jekk fil-fatt dan kien minnu, "*la ragionevole credenza di essere stato vittima di un att arbitrario da parte del pubblico ufficiale scagiona l'imputato di oltraggio*" (Gpa sul Cod. Penale, Ugo Conti, Art. 194, para. 163 ikkwotatat fi "**Pulizija vs Frank Attard**", Appell Kriminali - Imhallef Onor. William Harding, 29 ta' Marzu 1958). Zgur li ma giex ippruvat mill-proskeuzzjoni li kellu l-*animus iniuriandi*. Kliem bhal "issa naraw" (u anke inpattihielek) ma jfissirx necessarjament li min lissinhom sejjer jikkommetti xi atti llegali konsistenti f'xi vendikazzjoni jew vendetta. Jista' jkun illi jkun sejjer jiehu azzjoni rimedjali skond il-ligi, billi per ezempju jaghmel rapport opportun lill-ufficjali oghla, bhall-Kummissarju tal-Pulizija. U l-kelma trid tittiehed fil-kuntest ta' l-okkazzjoni. Di piu' l-kelma li lissen l-imputat mhix per se wahda ta' theddid, u ghalhekk sta ghall-prosekuzzjoni li tipprova li ntqalet mill-agent bl-iskop ta' intimidazzjoni (Appell Kriminali "**Pulizija vs Amante Camilleri**" 17 ta' Ottubru 1997 Onorevoli Imhallef Vincent Degaetano) - haga li l-prosekuzzjoni manifestament naqset li taghmel.

Il-Qorti rat il-provi prodotti f'dan il-kaz l-affidavit tal-kuntistabbli PC34 George Scicluna u ma jirrizultax li l-ingredjenti mehtiega biex tinstab htija fil-konfront tal-imputat kif mixli. L-imputat inzerta persuna li meta jara l-kuntrarju jiehu passi u kif intqal mid-difiza l-hidma tieghu qalb in-nies ghamilha biex jaghti servizz. F'dan il-kaz bhala wiehed mid-Diretturi tal-Gozo Channel u li fix-xhur ta' qabel kien inharigat f'isem il-Ministeru ta' Ghawdex tal-istess kumpanija hass li kien hemm abbuz meta vettura kienet qeghda timblokka r-rampa, liema vettura kellha sistema tal-brejkijiet ma jiffunzjonawx sewwa u mar jirraporta l-kaz. L-L-ufficjali tal-pulizija jridu jaghtu aktar widen lic-cittadini huma min huma meta jersqu ghandhom biex jitolbu l-ghajnuna jew inkella biex jirraportaw abbuz.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontrih u tilliberah.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din id-decizjoni tkun ikkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

____________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**